*- Korrezzjoni Att tat-Twelid –*

*- Direttur Registru Pubbliku -*

*- Dejjem maghruf b'tali Isem -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 24 t'April 2002**

**Kawza Numru: 33**
**Citazzjoni Numru: 1872/01/RCP**

**It-Tabib John (sive Ivan) Zammit Maempel**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-isem tal-attur huwa mnizzel bhala "John" fir-registrazzjoni numru 3256 tas-sena 1958 fir-Registri tal-Istat Civili dwar Atti tat-Twelid mizmuma fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku l-Belt Valletta, kif jidher mill-Estratt tal-istess registrazzjoni hawn annessa u mmarkat bhala "Dok. A".

Illi l-attur mindu twieled dejjem u konsistentement sejjah lilu nnifsu "Ivan" kif ukoll kien u ghadu maghruf u imsejjah mill-familja tieghu bhala "Ivan";

Illi l-attur jixtieq jipprevalixxi ruhu mill-Artikolu 253 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-isem "Ivan" jigi registrat minflok l-isem "John" li jidher fl-istess registrazzjoni numru 3256 tas-sena 1958.

Illi ai termini tal-Artiklolu 253 (3) tal-Kapitolu 16 fuq imsemmi l-attur qed jitlob ukoll illi t-tibdil effettwat fl-atti tat-twelid tieghu kif fuq imsemmi l-istess tibdil jigi effetwat f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess attur u partikolarment fl-att taz-zwieg numru 2235 tas-sena 1983 (estratt hawn anness u immarkat "Dok. B");

Ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex tordna lill-konvenut jissosstitwixxi l-isem "Ivan" flok l-isem "John" kull fejn jidher fl-atti tal-istat Civili tal-attur u partikolarment:

1. fil-kolonna “isem il-wild” fir-registrazzjoni numru 3256 tas-sena 1958 fir-Registri tal-Istat Civili dwar Atti tat-Twelid mizmuma fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku il-Belt Valletta, u

2. fil-kolonna “isem u kunjom” fejn jidher “John Zammit Maempel” fl-att taz-zwieg numru 2235 tas-sena 1983.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur tas-7 ta’ Dicembru 2002 u d-digriet tal-Qorti fejn laqghet it-talba w ordnat il-publikazzjoni skond l-Artikolu 254 tal-Kap 16.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta’ Marzu 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-3 t’April 2002 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi qabel xejn ghandu isir id-debitu avviz fii-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikoiu 254 tal-Kap 16;

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-atti mertu tal-kawza odjerna mhumhiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 20 sa 21 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid numru 3256/1958 u fl-att taz-Zwieg tal-istess attur Nru 2235/1983 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bl-isem "Ivan" u mhux "John" kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi dan jinsab ikkonfermat mic-Certifikat tal-Maghmudija ta' l-istess attur esebit bhala Dok 'C', mic-Certifikati tal-iskola esebiti bhala Dok 'D' u 'E', u mic-Certifikat taz-Zwieg tal-istess attur mahrug mill-Kappillan tal-Furjana esebit bhala Dok 'F', li lkoll jindikaw li l-isem korrett ta' l-attur huwa "Ivan".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu li jikkontrastaw mat-talbiet attrici, **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi:

1. tordna lill-konvenut jissosstitwixxi l-isem "Ivan" flok l-isem "John" kull fejn jidher fl-atti tal-istat Civili tal-attur u partikolarment fil-kolonna "isem il-wild" fir-registrazzjoni numru 3256 tas-sena 1958 fir-Registri tal-Istat Civili dwar Atti tat-Twelid mizmuma fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku il-Belt Valletta; u tordna wkoll li ssir kull korrezzjoni ohra necessarja sabiex l-istess korrezzjoni tigi hekk indikata fl-istess Att tat-Twelid.

2. tordna lill-konvenut jissosstitwixxi l-isem "Ivan" flok l-isem "John" kull fejn jidher fl-atti tal-istat Civili tal-attur u partikolarment fil-kolonna "isem u kunjom" fejn jidher "John Zammit Maempel" fl-att taz-zwieg numru 2235 tas-sena 1983; u tordna wkoll li ssir kull korrezzjoni ohra necessarja sabiex l-istess korrezzjoni tigi hekk indikata fl-istess Att tat-Twelid.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**24 ta' April 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**24 ta' April 2002**